MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH S. REFALO**

Seduta tas-6 ta' Gunju, 2003

Talba Numru. 1222/2002/1

**GasanMamo Insurance Agency Limited u din ghan-nom u in rappresentanza tas-socjeta` estera CGU Insurance plc kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha Josephine Tonge**

**vs**

**L-Avukat Doctor Peter Fenech kuratur deputat b'digriet tat-30 t'Awissu, 2000 biex jirraprezenta lill-assenti Bridget Bruhn**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-10 ta' Mejju, 2002 fejn intalab il-hlas ta' erba' mija u sitta u sittin lira Maltija u wiehed u ghoxrin centezmu (Lm466.21) rapprezentanti dan li sofrew meta l-konvenuta waqt li kienet qed issuq il-vettura bin-numru DAH-452 fit-22 ta' Awissu, 1998 gewwa Mqabba By Pass habtet mal-**

**vettura numru TFA-430 proprjeta` ta' Jack Tonge u kkagunat dan f'din l-istess ventura;**

**Dan l-incident hija ghalih unikament responsabbli l-konvenuta stante li s-sewqan taghha kien wiehed negligente u traskurat;**

**Bl-ispejjez, komprizi dawk ta' ittra ufficjali datata 21 ta' Awissu, 2000, u tal-parir (Lm15.00) u bl-ispejjez ta' ittra ufficjali indirizzata lill-assikurazzjoni tal-konvenut u pprezentata kontestwalment ma' dan l-Avviz, kontra l-konvenut bl-imghax kontra l-istess konvenut ingunt ghas-subizzjoni.**

**Ra r-risposta tal-konvenut prezentata fil-5 ta' Gunju, 2002, li fiha ntqal li l-konvenut nomine mhux edott mill-fatti u ghalhekk irriserva li jipprezenta eccezzjonijiet formali aktar il-quddiem jekk ikun il-kaz.**

**Semgha x-xhieda ta' Dr. Louis Bianchi li kkonferma li l-ammont hu dovut kif inghad fl-avviz. Ha konjizzjoni tad-dokumenti esibiti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz. Ra n-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet.**

**Ikkunsidra:**

**1. Dan il-kaz jirrigwarda incident awtomobilistiku li sehh fit-22 ta' Awissu, 1998, fi Mqabba By Pass, bejn il-vettura TFA-430 misjuqa minn John Tonge u proprjeta` ta' Jack Tonge, u l-vettura DAH-452 misjuqa minn Bridget Bruhn.**

**2. Il-provi f'din il-kawza huma kwazi kollha dokumentarji salv dak li xehed Dr. Louis Bianchi ghas-socjeta` attrici.**

**3. Mill-"front to rear report" esibit jirrizulta li John Tonge kien qed isuq f'Valletta Road fid-direzzjoni ta' l-Imqabba, meta harget il-konvenuta ghal fuqu minghajr ma waqfet fuq l-istop sign. Dana jirrizulta mill-imsemmi dokument immarkat Dok.A, fejn jinghad li l-konvenuta skuzat ruhha ghall-incident u stqarret li ma kienetx imdorrija issuq fuq ix-xellug tat-triq. Il-front to rear report gie ffirmat mis-sewwieqa rispettivi tal-vetturi.**

**4. L-abbli difensur tal-konvenuta qed jargumenta li id-dokumentazzjoni migjuba ma tikkosttitwix prova ai fini tal-kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili. F'dan il-kuntest it-Tribunal jirrileva li hemm regoli specjali li jiggwidaw lit-Tribunal ghal dak li huma provi u mhux marbut bil-Kodici ta' Organizzazzjoni u procedura Civili hlief fejn l-Att hekk jispecifika. Hekk per ezempju f'dan it-Tribunal hija ammessa il-prova « detto del detto », prova li ma hix ammissibbli fil-Qrati ordinarji.**

**5. Ghandu ragun jghid l-abbli difensur tal-konvenuta li dan ma kienx kaz ta' kollizzjoni « front to rear », eppure ma jistghax jinghad li dak li imtela f'dik il-formula ma jikkostitwixxix prova sufficjenti sabiex wiehed jkun jista' jiggwida ruhu dwar kif graw il-fatti.**

**6. Tenut kont ta' dan jirrizulta ampjament illi l-incident in kwistjoni sehh unikament tort tal-konvenuta li invadiet il-karreggjata ta' l-attur, meta din kellha l-obbligu li tieqaf qabel ma tohrog ghal go Valletta Road, u l-konvenuta ma rrispettatx l-istop sign li hemm, u konsegwentement ghandha tigi ritenuta unikament responsabbli ghad-danni.**

**7. Bhala danni dawn huma spjegati fin-nota esibita mis-socjeta` attrici a fol.12 tal-process u r-ricevuti u survey annessi ma' l-istess nota. Id-danni kienu jammontaw ghall-erba' mija u sitta u sittin lira Maltija u wiehed u ghoxrin centezmu (Lm466.21).**

**Ghaldaqstant peress illi ghall-incident in kwistjoni kienet tahti unikament il-konvenuta, it-Tribunal qed jilqa' t-talba attrici, u jikkundanna lill-konvenuta thallas lis-socjeta` attrici l-imsemmija somma ta' erba' mija u sitta u sittin lira Maltija u wiehed u ghoxrin centezmu (Lm466.21), bl-imghax legali li jibda jiddekorri mill-lum.**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza, komprizi dawk ta' ittra ufficjali datata 21 ta' Awissu, 2000, hmistax-il lira tal-parir (Lm15.00), u l-ispejjez ta' ittra ufficjali indirizzata lill-assikurazzjoni tal-konvenut pprezentata kontestwalment ma' l-Avviz ghandhom jigu sopportati mill-konvenuta.**

---------------------------------TMIEM---------------------------------